**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 14/2017JB

Numru: 3

**MG Administrators (P1550) ghan-nom u in rapprezentanza tal-*condominium* "Tritons Court" ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn**

***vs***

**Louis Farrugia (K.I.: 43847G)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-17 ta' Marzu 2017 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlitt elef, sitt mija u tmien euro u tmienja u erbghin centezmu (€3,608.48) rapprezentanti kontribuzzjonjiet u spejjez approvati mill-condomini tal-*condominium* "Tritons Court" ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali numru 4007/16 (a fol 15), u l-imghax mid-dat tan-notifika tal-istess ittra ufficcjali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum (a fol 17);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 2ter), il-Konvenut ma pprezentax risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher ghas-smigh, ghad li deher l-avukat tieghu, Dr Kevin Mompalao li rregistra ammissjoni;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenut, hu car li din it-talba timmerita li tigi akkolta hekk kif dedotta;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici fil-kwalita taghha premessa, is-somma ta' €3,608.48 bl-imghax mill-21 ta' Dicembru 2016, data tan-notifika tal-ittra ufficcjali numru 4007/16. Spejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 4007/16 a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Diane Farrugia
*Deputat Reġistratur*